FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Gunju, 2001

**Numru 2**

**Avviz. numru 1596/99JR**

**Atlas Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta` estera AXA Insurance plc, gja Guardian Royal Exchange Assurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mark Debono**

**vs**

**Caroline Azzopardi u b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2000, kunjom il-konvenuta minn "Azzopardi" gie korrett ghal "Attard"**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 t'Ottubru, 1999, fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu

**(Lm175.35), bhala risarciment ta' l-ammont li sborsaw a favur l-assikurat taghhom Mark Debono biex jindennizzawh kif obbligati skond il-polza ta' assikurazzjoni "comprehensive" ghad-danni li garrab in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara f'Attard fil-21 ta' Jannar, 1999, meta waqt li l-konvenut kienet qed issuq il-vettura Nru.LAH-185 habtet mal-vettura Nru.IAP-458 propjeta` ta' l-istess Mark Debono u misjuqa minnu – ghall liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**Oltre l-imsemmija danni il-konvenuta ghandha thallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Mejju, 1999, dawk ta' l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghax legali mill-25 ta' Mejju, 1999.**

**Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Mark Debono. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**Illi mill-provi jirrizulta pruvatilli l-incident gara unikament tort tal-konvenuta, meta, waqt li l-assikurat tas-socjeta` attrici kien qed isuq fil-karreggjata ta'**

**gewwa, il-konvenuta li kienet qed issuq fil-karreggjata ta' barra kisret fsalt il-gewwa u kkawzat il-kollizzjoni.**

**Id-danni huma dawk li jirrizulta mid-dokumenti esebiti, Dok.A, B u C, fl-ammont reklamat.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm175.35), bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Mejju, 1999.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Mejju, 1999, u dawk ta' l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**